# 38. Damma Għajnejn

Waqt li konna taħt il-bruka fuq ir-ramel ħdejn ix-xmara
nistkennew tax-xemx mill-ħrara,
u nithennu mal-mewġiet,
għażżenin,
qgħadna nħarsu lejn xulxin,
gozz għajnejn,
kollha jleqqu, kollha mlewna qishom damma ta' ġawhriet:

Johnnie tiegħi b'għajnejh żoroq
qishom fraka mis-smewwiet;
qattus iswed b'għajnejh ħodor
lewn il-perla tal-qaliet;
fenek abjad b'għajnejh roża
tal-kristall minn l-iżjed fin;
u ġeranju abjad u aħmar
b'żewġ għajnejn suwed tutin;
margarita b'għajnejn sofor
qalb il-bjuda ta' ġol-ħofor.

Għażżenin
qgħadna nħarsu lejn xulxin,
f'dak is-sliem
jien u Johnnie ngħidu l-ħrejjef
tas-saħħara meta s-siġar u l-ħaxix kellhom il-kliem;
ngħidu l-ħrejjef u nitgħażżnu,
u nithennu mal-mewġiet,
fl-aħħar nett ilkoll spiċċajna
f'dik il-ħlewwa u f'dak is-skiet,
ma nafux liem' hija l-ħolma
jew is-sewwa
bejn il-ħrejjef tas-saħħara
u aħna s-sitta taħt il-bruka fuq ir-ramel ħdejn ix-xmara.